## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Numru **181/2024**

Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru **142/2023** datata tnax (12) ta' Diċembru 2023 fl-ismijiet:

## RYAN SCHEMBRI (KI 526185M)

**vs**

## SPRACHCAFFE COMPANY LIMITED (C 13381)

**Provvediment tal-Ġimgħa, tnax (12) t'April 2024**

1. Dan hu provvediment dwar talba magħmula mis-soċjeta' debitriċi permezz ta' rikors datat tlettax (13) ta' Frar 2024 sabiex din il-Qorti tordna r-rexissjoni tal-ittra uffiċjali 142/2023 ippreżentata fl-ismijiet *Ryan Schembri vs Sprachcaffee Company Limited* li saret ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara t-titolu eżekuttiv mitlub minn Ryan Schembri noe null u mingħajr effett fil-liġi, u tordna r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru numru 166/2024 fl-istess ismijiet;

**Il-Qorti**:

2. Wara illi reġgħet rat ir-rikors tas-soċjeta' debitriċi rikorrenti Sprachcaffe Company Limited datat tlettax (13) ta' Frar 2024, u d-dokumenti annessi miegħu;

3. Rat ir-risposta tal-kreditur intimat Ryan Schembri noe datata sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar 2024;

4. Rat illi ngħatat deċiżjoni *in parte* rigward l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-kreditur noe dwar l-inkompetenza ta' din il-Qorti sabiex titratta r-rikors odjern;

5. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Karen Falzon**, Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, prodotta mis-soċjeta' debitriċi waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2024[1], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok KF1**[2];

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2024;

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali ppreżentata mill-kreditur Ryan Schembri noe waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2024, u d-dokumenti annessi magħha (a fol 39 *et seq* tal-proċess);

8. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

9. Ir-rikors odjern ġie intavolat fit-termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jgħid:

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 29 *et seq* tal-proċess
[2] A fol 31 *et seq* tal-proċess

*(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*

*(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):*

*B'dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fi żmien ġimgħatejn.*

10. Is-soċjeta' debitriċi qed tikkontendi illi l-ittra uffiċjali bin-numru 142/2023 intavolata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kienet nieqsa minn rekwiżit rikjest mill-Artikolu 166A(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe:

*(3) L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv:*

11. Il-kreditur noe isostni illi huwa mexa mal-proċedura stabbilita fir-Regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22, u uża l-intimazzjoni hemm stabbilita, u cioe:

> *Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum, din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali.*

12. Jidher illi hemm fehmiet diverġenti dwar liema miż-żewġ forom tal-intimazzjoni hija dik illi għandha tintuża. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Carmelo sive Charles Bianco noe vs Clayton Sciberras***[3]:

> *11. Il-Qorti tgħid li l-ewwel Qorti iddeċidiet sew. Fis-sentenza appellata tagħha, hija tibda billi tiċċita kemm l-intestatura tal-ittra uffiċjali in kwistjoni, u anki d-disposizzjonijiet tar-regolament 2 tal-A.L. 278 tal-2005, u dawk tas-subartikolu 166A(3) tal-Kap. 12. Imbagħad tgħid li kif tajjeb irrileva l-appellat nomine fir-risposta tiegħu, jidher li meta sar l-Avviż Legali in kwistjoni l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja nesa li l-leġislatur kien diġà pprovda għal twissija permezz ta' dan is-subartikolu, u l-Avviż Legali għamlu b'diċitura differenti minn dak li kien hemm fil-liġi prinċipali. L-ewwel Qorti għarfet korrettement li skont il-każistika tal-Qrati tagħna, liġi sussidjarja ma tistax tmur kontra l-liġi prinċipali, u in sostenn ta' dan hija għamlet riferiment għas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. George Pace kif deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Mejju, 1937, u anki għas-sentenza*

[3] Appell Inferjuri 239/2021, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ L Mintoff, 9 ta' Marzu 2022

*fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Ganni Vassallo deċiża ukoll minn dik il-Qorti fit-28 ta' Ġunju, 1952.*

*12. Fid-dawl ta' dan l-insenjament, l-ewwel Qorti stqarret li l-Ministru ma setax permezz ta' regolament jippreskrivi għal diċitura differenti, fejn saħansitra tali diċitura kienet soġġetta għal piena ta' nullità, u b'hekk jinnewtralizza l-liġi prinċipali, anki jekk id-differenza ma kinitx waħda ta' sustanza. Għalhekk fejn id-diċitura tat-twissija kif tinstab fl-Avviż Legali 278 tal-2005, ma kinitx taqbel ma' dik tas-subartikolu 166A(3) tal-Kap. 12, l-ewwel Qorti qalet li d-diċitura tal-Avviż Legali hija pro tanto ultra vires, u konsegwentement nulla u bla effett. Din il-Qorti tikkondividi pjenament il-konklużjoni tal-ewwel Qorti, u tafferma għal darb'oħra l-insenjament li d-disposizzjonijiet tal-liġi prinċipali għandhom jipprevalu fuq dawk tal-liġi sussidjarja, li hekk kif hija msejħa tibqa' dejjem waħda sussidjarja.*

*13. L-ewwel Qorti mbagħad iddikjarat li hija kienet taf li l-interpretazzjoni tagħha ma kinitx taqbel ma' sentenza oħra tal-istess Qorti kif diversament ippreseduta, fejn ġie ritenut li d-diċitura applikabbli kienet dik li jipprovdi għalih l-Avviż Legali. Iżda ddikjarat li wara li qrat dik is-sentenza, ma kienet qegħda ssib l-ebda raġuni sabiex tbiddel l-opinjoni tagħha. L-istess tirritjeni din il-Qorti. L-ewwel Qorti kompliet billi osservat li d-diċitura tat-twissija fl-ittra uffiċjali mertu ta' dawk il-proċeduri kienet differenti minn dik tal-proċeduri odjerni, u l-Qorti hemmhekk ma daħlitx fil-kwistjoni dwar jekk liġi sussidjarja setgħetx tkun konfliġġenti mal-liġi prinċipali. L-ewwel Qorti esprimiet il-fehma tagħha li fil-każ odjern id-*

*diċitura tat-twissija kienet issegwi dak li kien preskritt taħt piena ta' nullità fis-subartikolu 166A(3) tal-Kap. 12, u hawn din il-Qorti żżid tgħid li r-regolament (2) tal-Avviż Legali fil-fatt ma jipprovdi għall-ebda nullità. Għalhekk sewwa għamlet l-ewwel Qorti meta għaddiet sabiex ċaħdet it-talba tal-appellant għal dikjarazzjoni ta' nullità tal-ittra uffiċjali.*

13. B'kuntrast, imbagħad, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***C&H Bartoli Ltd vs Odyc Ltd***[4] ġie ritenut:

*31. L-intimazzjoni speċifika rikjesta mill-leġislatura hija kruċjali u warajha hemm il-ħsieb illi l-persuna li tirċievi l-ittra uffiċjali tintebaħ, jekk hemm bżonn b'ċertu allarm, illi l-ittra li għandha f'idejha mhijiex ittra komuni, imma hija ittra li jeħtieġ li biha tmur minnufih għand professjonist legali sabiex jieħu l-parir meħtieġ u tittieħed l-azzjoni meħtieġa. M'huwiex suffiċjenti l-avviż illi l-ittra tiġi reża eżekuttiva f''każ illi d-debitur ma' jweġibx fi żmien tletin ġurnata jew li huwa seta' jippreżenta n-nota risponsiva mingħajr l-ħtieġa ta' avukat jew prokuratur legali (l-aħħar parti filfatt hija rikjesta li tkun fil-korp tal-ittra iżjed milli taħt l-intestatura tal-Qorti). Filfatt kważi kważi l-Qorti tazzarda tgħid illi huwa ferm iżjed possibbli illi d-debitur jiġi żgwidat dwar l-importanza tal-ittra uffiċjali li jkun irċieva jekk huwa jiġi mgħarraf biss bil-possibilità illi jippreżenta risposta mingħajr assistenza ta' avukat jew prokuratur legali mingħajr ma jiġi mgħarraf ukoll illi huwa fl-interess tiegħu illi jmur ikellem avukat!!!*

[4] Rik Nru 233/2023, Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġ Dr V G Axiak, 25 ta' Marzu 2024

Hekk ukoll, fis-sentenza ċitata mill-kreditur noe fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu mogħtija fl-ismijiet ***Mike Service Station Limited vs Sam Charles Aquilina***[5] ġie ritenut:

> *Fis-sentenza ċċitata mis-soċjetà appellanta fl-ismijiet* **Melita plc vs Jodie Pisani**, *l-ittra uffiċjali kienet qegħda tiġi attakkata għaliex filwaqt li kienet tinkludi t-test stipulat fir-Regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22, tħalliet barra l-intestatura stipulata fl-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12, u l-Qorti hemmhekk argumentat li 'il più comprende il meno', u seta' jingħad biss li tħalliet barra formalità partikolari, li iżda ma tnaqqas xejn minn dak li tipprovdi għalih il-Leġislazzjoni Sussidjarja. Imma fil-każ odjern l-appellat ma ġiex infurmat bl-urġenza li jfittex għajnuna professjonali, u ġie nfurmat biss li f'każ li ried jirrespinġi l-pretensjonijiet tal-appellanta, seta' jagħmel dan huwa stess, mingħajr il-ħtieġa li jirrikorri għand avukat jew prokuratur legali. Il-fatt li l-appellat ma rrikorriex għand avukat jew prokuratur legali, ma jistax jingħad li dan ma kienx ta' preġudizzju għalih, għaliex fil-fatt jirriżulta li kif għadda t-terminu li tipprovdi għalih il-liġi għar-risposta, is-soċjetà appellanta pproċediet bil-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv, u kien hawn li l-appellat fittex l-għajnuna ta' avukat jew prokuratur legali.*

14. B'ittra intavolata ai termini tal-Artikolu 166A, kreditur għandu għodda utli u effiċjenti f'idu, intenzjonata sabiex wieħed jottjeni fl-iqsar żmien possibbli titolu eżekuttiv. Konsegwentement, għandu jkun hemm salvagwardi proċedurali sabiex jiġi aċċertat illi din l-għodda f'idejn kreditur ma tintużax a skapitu tad-drittijiet ta' debitur. Dan hija preċiżament għalfejn tiġi

[5] Appell Inf Nru 123/2021, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 1 ta' Marzu 2023

stampata l-intimazzjoni fuq ittra uffiċjali intavolata ai termini tal-Artikolu 166A;

15. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-iskop wara l-intimazzjoni huwa illi, meta wieħed jirċievi ittra intavolata ai termini tal-Artikolu 166A, wieħed jirrealizza mill-intimazzjoni illi l-ittra illi huwa ġie notifikat biha hija ittra illi tirrikjedi azzjoni b'urġenza. Filwaqt illi, idealment, l-intimazzjoni għandha tinkorpora fiha kemm l-elementi elenkati taħt l-Artikolu 166A(3) tal-Kap 12, u kif ukoll tar-Regolament 2 tal-L.S. 12.22, din il-Qorti hija tal-opinjoni illi huwa aktar probabbli illi wieħed jieħu azzjoni immedjata jekk jiġi mqanqal ifittex l-għajnuna t'avukat jew prokuratur legali, milli jekk jiġi lilu senjalat illi n-nota tista' tiġi ffirmata mingħajr il-ħtieġa ta' firma t'avukat jew prokuratur legali;

16. Il-Qorti tqis illi din hija l-akbar distinzjoni bejn iż-żewġ provvedimenti tal-liġi. Apparti din id-distinzjoni, kemm l-intimazzjoni skont l-Artikolu 166A(3) kif ukoll dik taħt ir-Regolament 2 jinformaw lill-allegat debitur illi huwa għandu dritt jirrispondi fi żmien tletin jum, u, l-intimazzjoni skont ir-Regolament 2, għalkemm ma tinkludix fiha dettalji speċifiċi dwar il-proċedura kontemplata fl-Artikolu 166A bħalma tagħmel l-intimazzjoni skont l-Artikolu 166A(3), tagħmel referenza għall-istess artikolu (*"Din l-ittra uffiċjali qegħda tintbagħat ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta [...]"*), b'dana illi wieħed għandu l-possibilta' illi jasal xorta waħda għall-proċedura mingħajr ma hemm il-ħtieġa illi tiġi spjegata l-proċedura sħiħa fl-intimazzjoni;

17. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti mhix tal-opinjoni illi l-ittra uffiċjali intavolata mill-kreditur noe fil-każ odjern għandha tiġi dikjarata nulla. Dan stante illi:

(a) L-intimazzjoni illi ġiet stampata fuqha hija ai termini tar-Regolament 2 tal-L.S. 12.22, u cioe f'forma illi toħroġ minn provvediment tal-liġi;

(b) L-intimazzjoni tinterpella lis-soċjeta' debitriċi sabiex tfittex għajnuna legali;

(c) L-intimazzjoni tinformaha illi l-ittra qed tintbagħat ai termini tal-Artikolu 166A;

(d) L-intimazzjoni tinformaha illi għandha żmien ta' tletin (30) jum sabiex twieġeb għall-pretensjonijiet tal-kreditur noe, u

(e) L-intimazzjoni tinformaha wkoll illi, fin-nuqqas illi tirrispondi, il-kreditur noe jottjeni titolu eżekuttiv.

Dawn, fil-fehma tal-Qorti, huma r-rekwiżiti illi jeħtieġ jissussistu sabiex ma jiġux preġudikati d-drittijiet ta' debitur illi fil-konfront tiegħu tiġi avvanzata pretensjoni ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-fatt illi ġew inklużi kollha fl-intimazzjoni huwa, fl-opinjoni tal-Qorti, suffiċjenti sabiex jirrendu l-ittra uffiċjali valida fit-termini tal-liġi;

18. Konsegwentement, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **<u>tiċħad</u>** it-talbiet rikorrenti.

**Decide**

19. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex:

i. **<u>Tilqa</u>**' t-tielet eċċezzjoni sollevata mill-kreditur intimat noe;

ii. **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba tas-soċjeta' debitriċi rikorrenti stante illi ġiet sorvolata;

iii. **<u>Tiċħad</u>** it-tieni u t-tielet talbiet tas-soċjeta' debitriċi rikorrenti għar-raġunijiet premessi;

iv. Konsegwentement **<u>tiċħad</u>** it-talbiet l-oħra kollha tas-soċjeta' debitriċi rikorrenti.

Bl-ispejjeż a karigu ta’ Sprachcaffe Company Limited.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Amanda Zerafa**
**Deputat Reġistratur**